Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

No: 39/17

**AVVIŻI**

**24 ta' Settembru 2017**

Il-Ġabra tal-lum, l-aħħar Ħadd tax-xahar, tmur għall-ħtiġijiet tal-Knisja u tal-parroċċa.

~~~~~~~~~~~~~~~

Nhar il-Tlieta 26 ta' Settembru, jibdew il-laqgħat ta' katekeżi għat-tfal fil-5pm.

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Settembru tkun iċċelebrata l-festa ta' San Mikiel b'quddiesa fil-Knisja ta' San Mikiel fl-Imdawra fis-6.30pm. Dakinhar it-tfal ma jkollhomx katekeżi fil-5pm biex jieħdu sehem f'din il-quddiesa u ma jkunx hemm quddiesa fis-7pm fil-knisja parrokkjali.

Nhar is-Sibt 30 ta' Settembru u l-Ħadd 1 ta' Ottubru sa tkun iċċelebrata l-festa ta' San Franġisk ta' Assisi fil-parroċċa tagħna fil-quddiesa tas-7pm. Wara l-quddiesa tas-Sibt filgħaxija ssir ċelebrazzjoni qasira li tfakkar il-mewt ta' San Franġisk u d-dħul tiegħu fis-sema imsejħa "Transitu". Il-patrijiet jistiednu lill-parruċċani kollha biex jaqsmu magħhom dan il-jum ta' festa speċjali.

Nhar is-Sibt jerġa' jibda jsir l-oratorju għat-tfal u adolexxenti li jibda fl-4.30pm u jispiċċa bil-quddiesa. Ikun hemm attivitajiet differenti għal kulħadd.
~~~~~~~~~~~~~~~